# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Lulju, 2015**

**Talba Nru: 769/2015/VG**

**Vodafone Malta Limited [C-10865]**

**Vs**

**Michael Nathan TOMKINSON [ID 70058A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-26 ta' Novembru, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf mija sebgha u ghoxrin euro u wiehed u disghin centezmi ta' euro [€1,127.91c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "L-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf, mija u sebgha u ghoxrin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€1,127.91) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok. VF 1.

Illi minkejja li l-intimat gie nterpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa' inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimat illi hu, minn issa, ingunt ghas-subizzjoni tieghu".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni skont il-ligi u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra li fis-seduta tal-15 ta' Lulju, 2015 l-Avukat Dottor Andre Portelli ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex aktar provi xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' elf mija sebgha u ghoxrin euro u wiehed u disghin centezmi ta' euro [€1,127.91c] in konnessjoni ma' servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti.

Ikkunsidra;

2. It-Tribunal ra d-dokumentazzjoni mressqa quddiemu, liema dokumentazzjoni baqghet qatt ma giet ikkontestata mill-intimat.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

   *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

   (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

   *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

   *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat bil-proceduri tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni skont il-ligi u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt

mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mija sebgha u ghoxrin euro u wiehed u disghin centezmi ta' euro [€1,127.91c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**